# AHBARIJIET TA' L-ART IMQADDSA

**Qdumijiet f'Tabarija** — Fil-belt ta' Tabarija (Israel) hemm għejjun talmisħun ħerġin mill-blàt, u qrîbhom hemm knisja tal-Lhud, qadîma. Dalaħħar sar xi taħfir ġewwa fiha, u nsabu kemm il-ħaġra bil-kitba fuqhom, bil-Lhudi u bil-Grieg. Insâbu wkoll fl-art irqajja' ta' mużajk, li fihom ukoll kitbiet bil-Lhudi u bil-Grieg, bħal ħaġar. Insab li kienet Sinagôga tar-IV seklu, jiġifieri ta' żmien Kostantinu bin santa Liena.

**Natanija** — Fuq għolja, fil-wetgħa ta' Xaron, f'Israël, insab ċimiterju Lhudi qadim li fih għadd ta' ħaġar tal-oqbra bil-kitba fuqu. Insabu wkoll oqbra mżejna b'ħaġar imnaqqax, li kienu ta' xi nies għonja, u oqbra oħra magħluqa b'ħaġar imdawwar, bħal ma kien il-Qabar ta' Kristu.

**Delegat Apostolku Gdid** — L-Eċċellenza Tiegħu Rev.ma Mons. Giuseppe Sensi, li kien Delegat Apostolku għal Palestina, issa nbagħat fin-Nunzjatura Apostolka ta' Dublin, fl-Irlanda, u warajh laħaq l-Eċċellenza Tiegħu Rev.ma Mons. Lino Zanini, li ha l-pussess f'Ġunju li għadda.

**Il-Qabar ta' Erodi** — Inbeda x-xogħol tat-taħfir fuq il-għolja msemmija Ġebel Furdejs (jew Hordejs) qrib minn Betlehem, li fl-antik kien jisimha *Herodjum*, għax fuqha Erodi l-Kbir kien bena belt u fortizza, u ġewwa l-fortizza kien għamel il-qabar tiegħu, fejn tas-sew indifen fis-sena 4 Q.K. Il-flus għan-nefqa tat-taħfir ħarġithom ir-Republika Taljana, u x-xogħol qiegħed imexxih il-Franġiskan Patri Virgilio Corbo, u għandu jdum sejjer għal xi tlet xhur.

**Diplomati Taljani f'Gerusalem** — Għadd ta' aktar minn tmenin ruħ, Diplomati u Sindkijiet Taljani marru jżuru l-Palestina, u żewġ Franġiskani ħadu ħsieb idawwruhom l-Imkejjen Imqaddsa. Il-Franġiskani huma P. Nazju Mancini u P. Gawdenzju Governanti, li kemm il-darba dehret ilkitba tagħhom f'dan il-Qari. Wara li żaru n-naħa tal-Għarab, għaddew ukoll għan-naħa ta' Israël, fejn iżżewġ Franġiskani marru magħhom ukoll, idawwruhom hemm.

**Lakis** — Ġewwa għar mudlam, qrib il-belt qadima ta' Lakis insâbet kitba fuq il-ħaġar li fiha l-isem ta' Uru-Xalîm, jiġifieri: Ġerusalêm. Din hi l-aktar kitba qadima li fiha jinsab imnaqqax l-isem tal-Belt Imqaddsa, għax għandha minn dwar is-seklu VII qabel Kristu. L-eqdem kitba li kienet magħrufa s'issa fejn tissemma Ġerusalêm, kienet ta' bejn il-ħames u r-raba' seklu Q.K.

**Kullegg Gdid f'Betlehem** — Il-Wisq Rev. P. Carlo Tallarico O.F.M., visitatur Ġenerali tal-Franġiskani tat-Terra Santa, fid-9 ta' Ġunju li għadda qiegħed l-ewwel ħaġra għal bini ta' kulleġġ ġdid f'Betlehem, billi n-nies ta' dik il-belt għedin jiżdiedu f'għadd kbîr minn sena għal sena. Dan il-kulleġġ, meta jinbena, jkollu wisa' għal aktar minn elf ruħ.

---

**MALTA: Grazzi maqlugħa** — Is-sur Anton Buttiġieġ mill-Hamrun, kien jeħtieġ grazzja kbira minn għand Alla u talab lil Madonna tad-Duluri ta' fuq il-Kalvarju li tidħol għalih, u wiegħed li jekk jaqla' l-grazzja jibgħat ħames liri Ġerusalem għal ħteġiet tal-artal tagħha. Il-grazzja qalagħha u l-wegħda temmha. Kif xtaq hu, qegħdin inxandru l-grazzja.

Karmena Tabone tiżżi ħajr 'l Alla għal grazzja li qalgħet bit-talb tal-Madonna tal-Kalvarju u tagħti nofs lira għal artal tagħha, u xxandar il-grazzja.

# REQUIESCANT IN PACE

*Nixtiequ li l-imseħbin tagħna jitolbu għar-ruħ għażiża ta' dawn li ġejjin, li telqu minn din id-dinja qabilna, u li nieshom jixtiequna niftakru fihom fit-talb tagħna.*

STELLA MARIS (Tas-Sliema): Ġużeppi u Ġużeppa Vella. Bjaġju Carabez. Ġużeppi Galea. Karmena u Pawla Borg. Lwiġi u Dwardu Bartolo. Marija u Spiru Pace. Elena u Patrick Holland. Emilja u Ġwanni Camilleri. Ġużeppi Calascione. Karmenu u Karmena Zarb. Monsinjur Ciangura. Kelina u Anġlu Cricop. Marija Konċetta u Rajmonli Mercieca. Karmena, Kelina, Wistina u Karmenu Mifsud. Temistokle Bianchi. Roża Moscat. Ruġġieru u Evelina Falzon. Stella, Violetta u Ġorġ Sant. Neriku, Marjanna, Henry u Karmena Mallia. Ġanni u Anakleta Bezzina. Rożina u Ġużeppi Camilleri. Ġużeppi u Marija Ellul.

SAN GIRGOR (Tas-Sliema): Dolor Pace. Karmena u Karmenu Sciberras. Karmenu Zammit. John, Lucy, Connie, Frank, Vincent, Ġorġ, Mary Barbara. Ġużeppi Vidal, Manwel u Lily Azzopardi. Ġorġ, Alfred, Girgor, Walter u Franġiska Gregory. Karmenu Sammut Alessi. Ġulja Millard. Karmenu u Wistina Mifsud. Ġuża u Katarina Galea.

RAĦAL ĠDID (Pawla): Karlu Busuttil. Mary, Emilju, Jessie u Toninu Archer. Ġużeppi u Ġużeppa Vella. Ġużeppi u Parinia Ghirxi. Ġużeppi Parnis. Ġużeppi Camenżuli. Salvu Cardona. Franġisk Attard. Ġanni Grech. Franġisk Dimech. Ġużeppi Borg. Konċetta u Wiġi Uugaro. Karolina Cassar, Anġla u Mikiel Attard. Jennie u John Demanuele.

IL-MARSA: Wiġi u Anġelku Cassar. Franġisk Grima. Konsilju Abela. Mosè u Ġużeppi Saliba. Karmenu, Ġanna, Ġużeppi u Toni Saliba. Karmenu u Manwel Martin. Stella u Ġużeppi Caruana. Ġużi, Marija-Konċetta, Ġorġ u Katarina Mangion. Pawla, Katarina u Ġużeppi Agius.

ĦAŻ-ŻABBAR: Ġużeppi Balzan. Ġirolmu Cassar. Ġanni u Ġuża Magri. Grezzju, Katarina, Rożina u Dolor Vella. Karmenu u Toninu Calligari. Ġanna Pulis. Tona Micallef. Marija Psaila, Ġużi u Rożina Calleja. Cetta Saliba. Pawlu, Karmena u Wenzu Black.

IŻ-ŻURRIEQ: Ġużeppi u Tonina Gauci. Salvu u Mikelina Farrugia. Karmnu Mifsud. Piju Barbara. Katarina, Vanġela u Karmenu Cachia. Marija u Ġanna Farrugia.

SAN BASTJAN (Ħal-Qormi): Karmena u Wiġi Bonnici. Pawlu, Ġanna, Karmenu, Ġorġ, Salvu u Karmena Vella. Ġorġina Camenzuli. Tonina u Karmnu Ciappara. Peppi Azzopardi. Tereż u Bastjan Debattista.

IL-MOSTA: Ludgardu u Karmena Mallia. Madalen Zammit. Frank Fenech, Lużar u Reġina Vella. Ġużeppi, Wistin, Pawlu Camilleri. Bertu u Pawla Buhagiar. Mari u Wenzu Busuttil. Peppi u Mari Vella.

IR-RABAT (Malta): Ġammari Costa. Saver Azzopardi. Kanonku Ġużeppi Vella. Karmni Asciaq. Ġorġina, Ġużeppi u Pawlu Farrugia. Pawla Micallef.

H'ATTARD: Rożalja u Karmni Micallef. Censina, Ġużeppi, Lorena, Karmnu u Pinu Gatt. Anġlu u Marjanna Cini. Ġnżeppi u Filomena Abela. Ġanna u Ġużeppi Tonna. Censa u Ġanni Tonna.

ĦAŻ-ŻEBBUĠ: Marija Bugeja. Loreta Cascun. Pinu Tanti. Grezz Agius. Soru Mari Raż Agius. Filippu Henry. Dun Ġammari Cachia.

SAN ĠILJAN: Pawlu, Lużarja u Toni Borg. Toni u Tona Cefai. Ġużeppi u Ġużeppa Scerri. Grezzja Borg. Marjanna Canataci.

ĦAL-QORMI (San Ġorġ): Sunta u Ġanni Dingli. Mari u Peppi Zammit. Ġużepp u Mari Zammit.

IŻ-ŻEJTUN: Karmni Camilleri. Mosè u Karmnu Zammit. Ġużepp u Vittorja Mercieca. Feliċ Baldacchino.

TARXIEN: Salvu u Karmni Pace. Karmni u Karmnu Farrugia, Manwel u Peppa Agius.

L-IMSIDA: Spiridjun Vassallo, Rakel Bonello.

GĦAINSIELEM (Għawdex): Ġużeppi Xuereb.

TA' KERĊEM (Għawdex) — Marija Buhagiar. Vinċenzu, Ġużeppi, Rosa, Ġorġ, Salvu, Toni, Mikelanġ u Karmena Buhagiar-Formosa. Karmenu Bugeja. Grezz, Mikiel u Masu Azzopardi. Roża Gatt, Ġanna Mallia. Marijanna, Ġużeppi u Kola Grima. Vitorja u Ġużeppi Vella. Salvu, Karmena, Rożi u Wiġi Micallef. Marija, Salvu u Ġużeppi Annozzi. Tona Cassar. Monsinjur Manwel Galea. Ġanna Felice. Ġużeppa, Manwel, Pawlu, Modesta, Ġużeppi, Tona, Karmenu u Ġorġ Borg. Marija, Ġorġa, Karmenu, Ġużeppi u Tona Attard. Franġisku Debrincat. Grazja u Salvu Gatt. Margerita u Ġużeppi Debrincat. Anna, Franġiska, Grezz, u Katarina Gatt. Pietru, Ġużeppi, Marija, Salvu, Modesta u Rożi Borġ. Ġużeppi u Karmena Gauċi. Nata, Franġisku u Marija Sultana. Anġla, Kelina u Karmena Debrincat. Ġużeppi, Franġisku, Ġorġ, Karmenu, Katarina, Marijanna, Ġużeppi u Karmena Stellini. Ġużeppi u Marijanna Gatt. Mikielanġ u Grezzja Spiteri. Grezzja Sultana. Nazzarenu u Rosanna Spiteri Mikelanġ Spiteri, Ġanna Ghaxaq, Ċensa Camilleri. Barbara Pace, Wenza Muscat, u Marija Bugeja.

*Min-naħa tagħna niżguraw qrabathom li l-erwieħ ta' dawn il-mejtin għeżież ikollhom dejjem sehem millquddies li jitqaddes fuq il-Qabar ta' Kristu.*